**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**6 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 49/2020**

**Steve Aquilina**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Steve Aquilina** ipprezentat fit-2 ta' Lulju 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' applikazzjoni intavolata mal-Awtorita intimata numru GLA 12B/2020/0263, l-appellant talab "Change of use from boathouse to class 4D Restaurant and placing tables and chairs and umbrellas, at Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea".*

*Illi permezz ta' decizjoni komunikata lill-appellant datata nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), l-Awtorita appellata cahdet it-talba ta' l-appellant u dan skont is-segwenti:*

*The consent is being refused for the following reasons:*
1. *High Risk for pedestrians and clients in the event of a traffic accident*
2. *High risk of visibility for drivers/visibility interference for drivers*
3. *Lack of parking spaces*
4. *Lack of pedestrian safety while crossing pavement to render the service.*

*Illi l-appellant jhossu aggravat b'din id-decizjoni u qieghed umilment jinterponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi certament li l-Awtorita' appellata agixxiet ultra vires il-poteri taghha stante li r-ragunijiet attribwiti ghad-decizjoni taghha huma materji li ghandhom jigu decizi fil-process ta' l-Ippjanar u minn Awtoritajiet ohra;*

2. *Illi ghalhekk l-Awtorita' appellata m' ghandiex il-vires li tiddeciedi materji imressqa quddiemha a bazi ta' kriterji li jmorru oltre il-kompetenza taghha;*

3. *Illi f' kull kaz, l-istess decizjoni tal-Awtorita appellata hija nulla u bla effett stante li l-istess decizjoni tmur kontra il-Ligi kif ukoll kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju, jew Kawazi Gudizjarju, ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materji imressqa quddiemu, u dan stante illi l-istess decizjoni hija difettuza fil-procedura, nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddecidewha, oltre il-fatt illi ttiehdet fil-maghluq [1] u mhux f' seduta pubblika [2].*

4. *Illi l-istess decizjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni li tista twassal lill-appellant sabiex jifhem kif u a bazi ta' liema policies u proncipji l-istess decizjoni ittiehdet.*

5. *Illi oltre dan, id-decizjoni ta' l-istess Awtorita hija daqstant iehor nulla u bla effett stante li hija diskriminatorja fil-konfront ta' l-appellant u dan in vista ta' permessi simili gia' approvati,*

6. *Illi f' kull kaz, dak mitlub mill-appellant ma ser jikkreja l-ebda perikolu, u l-kwistjoni ta' parkeggi ta' vettura hija materja regolata tramite il-Policy Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces, b'dan illi din it-talba hija konformi ma l-istess.*

*Illi in vista tas-suespost, l-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi kollha gia mressqa quddiem l-appellata Awtorita', u b'riserva ghall-presentata ta' dawk il-provi li dan it-Tribunal ihoss opportun, ir-rikorrenti bir-rispett jitlob illi dan it-Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' apppellata hekk kif ikkomunikata fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u dan l-appell jigi milqugh."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-13 ta' Lulju 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"Illi l-appellant talab lill-Awtorità esponenti, permezz tal-applikazzjoni bin-numru GLA12B/2020/0263 għas-segwenti "Change of use from boathouse to class 4D Restaurant and placing tables and chairs and umbrellas, at Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea."*

---

[1] Dan bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[2] Vide Italian Image Co. Limited vs. Tourist Services Limited 280/2006 Appell Inferjuri 20 ta' Frar 2008; Ara ukoll Smith vs. Ministeru tal-Finanzi Appell Inferjuri 23 ta' April 2010

*Illi l-Awtorità ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha lill-appellant permezz ta' ittra datata it-12 ta' Ġunju 2020, f' liema komunikazzjoni it-talba tal-appellant ġiet miċħuda.*

*Illi l-Awtorità esponenti kienet motivata fid-deċiżjoni tagħha, u dan anke billi indikat erbgħa raġunijiet motivati għad-deċiżjoni tagħha kif ġej;*

1. *High risk for pedestrians and clients in the event of a traffic accident*
2. *High risk of a visibility for drivers / visibility interference for drivers*
3. *Lack of parking spaces*
4. *Lack of pedestrian safety while crossing pavement to render the service*

*Illi l-Awtorità esponenti, skont l-artiklu 7(2) c tal-Kap. 563 hija responsabbli sabiex "tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika". Għalhekk l-Awtorità kienet fil-jedd u saħansitra fid-dmir legali tagħha illi tgħamel u tieħu l-konsiderazzjonijiet kollha sabiex tamministra bl-aħjar mod dan is-sit partikolari, li fl-aħħar mill-aħħar huwa art tal-Gvern ta' Malta.*

*Illi f' dan l-ambitu, r-raġunijiet mgħotija juru b' mod ċar il-motivazzjoni wara id-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti, u liema deċiżjoni ittieħdet speċifikament fil-parametri tal-artiklu 31(g) (H) tal-Kap.573. Dan is-sub artiklu jgħati l-jedd speċifikament lill-Awtorità kompetenti, u lill-ħadd iktar, sabiex tħalli persuna jokkuppa art tal-Gvern.*

*Illi għalhekk, fid-dawl tal-ewwel u t-tieni aggravju, m'huwiex minnhu li l-Awtorità esponenti aġġixxiet ultra vires. Dan stante illi kemm id-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-raġunijiet ta' wara dik id-deċiżjoni jaqgħu fl-ambitu tal-irwol tal-Awtorita', hekk kif mgħoti lilha mill-Kapitli 563 u 573, u iġifieri entro il-kompetenza tal-awtorita' esponenti.*

*Illi anke jekk, ir-raġunijiet attribwiti jistgħu jiġu ukoll ikkunsidrati minn Awtoritajiet oħra, u / jew fi proċessi differenti, xorta waħda dan qatt ma jista' jeskludi l-irwol tal-Awtorità esponenti; u iġifieri illi taċċerta l-aħjar amministrazzjoni tal-art in kwistjoni. Fid-dawl ta' dan, il-kriterji li abbażi tagħhom ittieħdet din id-deċiżjoni huma fil-kompetenza tal-Awtorità esponenti.*

*Illi fir-rigward tat-tielet aggravju, u iġifieri illi d-deċiżjoni tal-Awtorità hija nulla u bla effett stante li din tmur kontra il-liġi u saħansitra kontra l-artikolu 39 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, qed jiġi espost li dan it-tali aggravju huwa infondat u mingħajr bażi.*

*Illi d-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti hija waħda ta' natura amministrattiva, u mhux ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, u dan ossia li l-Awtorità inniffisa hija ta' natura amministrattiva. Huwa għalhekk wara kollox illi l-leġislatur ikkostitwixxa dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jassigura d-dritt sabiex wieħed ikun jista' jikkontesta deċiżjonijiet amministrattivi, bħall fil-każ odjern. Dan l-Onorabbli tribunal lanqas m'huwa vestit b' ġurisdizzjoni sabiex jiddeċidi materji ta' natura kostituzzjonali.*

*Illi sussegwentement, in linea mad-definizzjoni tal-'Awtorità' skont Artiklu 2 tal-Kap.563 l-Awtorità tinkludi persuni illi jaġixxu f'isimha, kif fillfatt hija s-sitwazzjoni fil-każ odjern. Id-deċiżjoni in kwistjoni ġiet iffirmata minn rappreżentant tal-istess Awtorità, hekk kif huwa awtorizzat illi jgħamel għan-nom tal-Awtorità esponenti. Għalhekk, id-deċiżjoni mibgħuta lir-rikorrenti kienet tissodisfa ir-rekwiżiti neċċessarji mill-liġi.*

*Illi l-appellant fir-rikors tiegħu jgħamel referenza għal żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell Inferjuri. Dawk id-deċiżjonijiet iżda kienu jikkonċernaw sitwazzjonijiet, awtoritajiet, bordijiet u saħansitra l-Qorti tal-Maġistrati; strutturi illi huma ta' natura differenti, u saħansitra regolati b' Kapitoli tal-liġi differenti mill-Awtorità esponenti. Illi għalhekk dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux iservu ta' paragun mal-każ odjern.*

*Illi fir-rigward tar-raba' aggravju, l-Awtorità tat ir-raġuni wara id-deċiżjoni tagħha, u dan skont il- fatti illi l-istess esponenti kellha quddiemha. Dan sar anke fid-dawl tal-prinċipju amministrattiv tad- 'duty to give reasons'. Barra mis-suespost, ir-raġunijiet mgħotija huma motivati biżżejjed sabiex anke jwasslu lill-appellant jifhem il-prinċipji u l-motivazzjoni wara l-istess deċiżjoni. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt illi l-appellant kellu biżżejjed informazzjoni sabiex seta' jintavola dan l-appell odjern.*

*Illi fir-rigward tal-ħames aggravju, l-appellant issostni illi d-deċiżjoni tal-Awtorità hija diskriminatorja. Jiġi rilevat kif m'huwiex il-kompitu ta' dan l-Onorabbli tribunal illi jiddetermina u jiddeċidi fir-rigward ta kwistjonijiet marbuta ma' diskriminazzjoni, u dan kif ġie ritenut f' diversi deċiżjonijiet ta' dan it-tribunal stess, fosthom* ***f'deċiżjoni tal-24 t' April 2015, fl-ismijiet Mark Cassar et vs L-Awtorità tat-Trasport f' Malta (Transport Malta) 76/2014CG.***

*Illi fir-rigward tas-sitt aggravju, l-awtorità esponenti tissottometti illi id-deċiżjoni kienet waħda li ittieħdet skont il-prinċipji tar-raġonevolezza. Deċiżjoni illi fl-aħħar mill-aħħar hija konċernanti t-talba speċifika tal-applikazzjoni tas-soċjeta rikorrenti, u iġifieri it-talba għal-change of use tal-boathouse u kif ukoll għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet.*

*Illi għalhekk, fir-rigward tal-aggravji fit-totalita' tagħhom, irid jingħad illi d-deċiżjoni tal-Awtorità ma tistax titqies illeġittima u irraġonevoli sempliċiment għaliex ir-raġuni wara id-deċiżjoni tal-esponenti ma tgħoġobx lis-soċjetà rikorrenti. Id-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti ittieħdet wara li ġiet ikkunsidrata is-sitwazzjoni odjerna*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet mressqa quddiemu mill-appellant, u dan bl-ispejjez interament għall istess appellant."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 12 ta' Gunju 2020 fejn gie infurmat illi l-applikazzjoni tieghu ghal *"change of use from boathouse to class 4D Restaurant and placing tables and chairs and umbrellas, at Triq ix-Xatt Juan B. Azzopardi, Senglea"* kienet giet rifjutata minhabba s-segwenti ragunijiet, u *cioe*`:-

a. *High risk for pedestrians and clients in the event of a traffic accident*
b. *High risk of a visibility for drivers/visibility interference for drivers*
c. *Lack of parking spaces*
d. *Lack of pedestrian safety while crossing pavement to render this service*

**Antonia Farrugia,** *case officer* mal-Awtorita` intimata, spjegat illi l-applikazzjoni kienet tikkonsisti minn zewg proposti, u *cioe*`, tpoggija ta' siggijiet u mwejjed man-naha tax-xatt tal-Isla, u mwejjed u siggijiet man-naha tal-faccata tal-istabbiliment in kwistjoni. Tispjega illi hemm stabbilimenti fl-istess triq li ghandhom *encroachment* mill-Awtorita` intimata sabiex ipoggu mwejjed u siggijiet fuq il-bankina n-naha tax-xatt, li pero` dawn inhargu qabel l-2016. Tispjega li l-Awtorita` intimata kkonsultat mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta qabel hargu d-decizjoni appellata. Tispjega li f'dan il-kaz l-Awtorita` intimata harget ir-rifjut taghha abbazi tar-rakkomandazzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ix-xhud tispjega li r-rakkomandazzjoni taghha lill-Kumitat li ddecieda l-applikazzjoni *de quo* kienet li r-rikorrenti jinhariglu l-permess, *pero*` l-Kumitat ma qabilx mal-istess rakkomandazzjoni.

F'seduta sussegwenti, ix-xhud esebiet numru ta' permessi ta' *encroachments* li tat l-Awtorita` intimata fejn is-sit allokat jinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq, u *cioe*` trid tinqasam it-triq biex il-klijenti jigu servuti.

**Michael Cohen,** *advisor* u *senior manager* mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, xehed illi l-Awtorita` tigi konsultata kemm mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u kemm mill-Awtorita` intimata. Jispjega li huma jezaminaw jekk bil-proposta kif maghmula tohloqx problemi ta' sigurta` u jekk tohloq joggezzjonaw ghall-hrug ta' tali permess. Jispjega li fejn l-Awtorita` tara li se jkun hemm qsim ta' triq

generalment ma jirrakomandawx li jinhareg permess jekk ma jkunx hemm *pedestrian crossing* vicin. Spjega illi meta l-Awtorita` intimata titlob ghar-rakkomandazzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, din tibghatilhom kopja tal-applikazzjoni u s-*site plans*.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-**<u>ewwel u t-tieni aggravju</u>** tieghu ir-rikorrent isostni li l-Awtorita` intimata agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha stante li r-ragunijiet moghtija fid-decizjoni appellata huma materji li jigu decizi fil-process ta' l-Ippjanar minn Awtoritajiet ohra.

Illi ai termini tal-artikolu 7 (c) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar l-Awtorita` Tal-Artijiet), l-istess Awtorita` ghandha l-funzjoni li *"**tamministra bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta** u kull art li tifforma parti mill-isfera pubblika bħall-perimetru tal-kosta, ix-xtut, portijiet, mollijiet, puntuni, portbeaches, postijiet ta' nżul, irmiġġi, kanali, akwadotti, lagi, spieri naturali, irdum, widien, pjazez pubbliċi, toroq, sqaqien, korsiji, rotot ta' aċċess għall-postijiet pubbliċi oħra inkluż dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta, boskijiet, parki, żoni ta' importanza ekoloġika jew ambjentali u s-siti ta' importanza kulturali, soċjali, jew storiċi."* Kwindi, fil-fehma tat-Tribunal, ghandha *vires* li tara li l-art amministrata minnha ma tikkrejax perikolu bl-uzu li jsir minnha u wkoll li l-istess art isir l-ahjar uzu minnha. Fil-waqt li jista' jkun hemm Awtoritajiet ohra li jkollha kompetenzi parallelli, dan ma jfissirx illi l-Awtorita` intimata ghandha tabdika mir-responabbilita` imposta fuqha mil-Ligi u thalli d-decizjoni li jispetta lilha ghal xi Awtorita` ohra. Kwindi l-ewwel u t-tieni aggravji qeghdin jigu michuda.

Illi permezz **<u>tat-tielet aggravju</u>** r-rikorrent jishaq illi d-decizjoni appellata hija nullau bla effett stante li tmur kontra l-Ligi u kontra kull dettam illi Bord gudizzjarju, jew kwazi-gudizzjarju, ghandu jsegwi fid-determinazzjoni ta' materja simili. Illi jibda biex jinghad illi l-Awtorita` intimata la hi Bord gudizzjarju u lanqas kwazi-gudizzjarju. L-Awtorita` intimata hija l-korp regolatorju li jamministra l-art pubblika. Il-*forum* gudizzjarju li mbaghad wiehed jista' jirrikorri ghalih jekk ihossu aggravat minn xi att amministrattiv ta' tali korp regolatorju huwa proprju dan it-Tribunal jew il-qrati ordinarji.

Illi r-rikorrent jishaq ukoll illi d-decizjoni appellata hija difettuza fil-procedura stante li hi nieqsa mill-firma tal-membri tal-Bord li ddecidewha, oltre l-fatt li ttiehdet fil-maghluq u mhux f'seduta pubblika. Illi jibda biex jinghad illi d-decizjoni appellata esebita a fol. 39 tal-process hija ffirmata minn Antonia Farrugia, liema persuna

xehdet f'dawn il-proceduri, u spjegat illi kien Kumitat fi hdan l-Awtorita` intimata li ha d-decizjoni appellata. Illi pero`, t-Tribunal josserva illi ai termini tal-Artikolu 8 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Ligijiet ta' Malta *"ix-xogħol imwettaq mill-Awtorità għandu jkun ir-responsabbiltà tal-Bord iżda ħlief kif hawn aktar qabel imsemmi, it-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità, l-amministrazzjoni tagħha u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tad-Direttorati, Unitajiet, Diviżjonijiet u Sezzjonijiet u tal-uffiċjali u l-impjegati,għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, li jkollu wkoll dawk is-setgħat kollha li minn żmien għal żmien jiġu delegati lilu mill-Ministru."*

Illi t-Tribunal josserva illi dan l-aggravju ma gie bl-ebda mod difiz mill-Awtorita` intimata. Mill-provi mressqa ma jirrizultax illi l-Bord jew il-Ministru responsabbli taw xi delega lil dan il-Kumitat biex jiddeciedi l-applikazzjoni in kwistjoni. Kwindi, fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal iqis illi r-rikorrent ghandu ragun jirrileva illi d-decizjoni appellata hija proceduralment difettuza. Madankollu ma jaqbilx mal-aggravju illi l-istess decizjoni hija difettuza ghaliex ma ttihditx f'seduta pubblika. It-Tribunal jerga' jirribadixxi illi hawnhekk si tratta ta' decizjoni amministrattiva u mhux decizjoni gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja.

Illi permezz **<u>tar-raba` aggravju</u>** r-rikorrent jishaq illi d-decizjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni li twasslu biex jifhem a bazi ta' liema *policies* u principji ttiehdet. Illi t-Tribunal ma jqisx li dan huwa l-kaz ghalkemm xorta, kif se jinghad hawn taht, hija monka minn xi aspetti. Illi dan it-Tribunal se jitratta dan l-aggravju, flimkien **<u>mas-sitt aggravju</u>**, u *cioe`* li dak mitlub mir-rikorrent m'hu se jikkreja l-ebda perikolu, hawn taht.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi din l-applikazzjoni giet assessjata bhala talba wahda minkejja li r-rikorrenti kien qieghed jitlob *encroachment* fuq zewg siti differenti, ghalkemm faccata ta' xulxin, fl-istess triq.

Illi kif spjega **Michael Cohen** jista' jaghti l-kaz illi r-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta kienet tkun differenti kieku z-zewg siti gew assessjati fuq il-mertu taghhom u dana ghaliex sit minnhom huwa fuq il-bankina ezatt kif tohrog mill-istabbiliment in kwistjoni, filwaqt li s-sit l-iehor qieghed fuq ix-xaqliba l-ohra tat-triq man-naha tal-bahar.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-permess fuq in-naha tax-xatt, ir-rikorrent sahaq illi l-Awtorita` intimata ma haditx in konsiderazzjoni illi hemm *pedestrian crossing* vicin il-fond in kwistjoni. Mill-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorita` intimata ma jirrizultax illi r-rikorrenti indika li hemm xi *pedestrian crossing* fil-vicin u dan kif jirrizulta minn fol. 42 sa fol. 44 tal-process. Minn ritratt esebit a fol. 57 mir-rikorrent

pero` jirrizulta illi tul il-medda tax-xatt hemm *pedestrian crossing* pero` meta dan ir-ritratt jitqabbel mar-ritratt a fol. 48, liema ritratt juri l-fond tar-rikorrent delinejat bl-ahmar, jirrizulta illi l-istess *pedestrian crossing* mhix ezattament faccata tal-istess fond, izda numru ta' metri 'l boghod. Illi dan it-Tribunal ma jqisx illi jekk ir-rikorrent jinghata permess biex jaqdi l-klijenti faccata tal-hanut tieghu, l-*staff* tieghu se joqghod jimxi sal-*pedestrian crossing,* jerga' lura fid-direzzjoni opposta, u finalment iservi l-klijenti. Dak li probabilment isir huwa li l-*staff* jaqsam mill-iktar punt vicin u kwindi mhux minn fuq il-*pedestrian crossing*. Illi kwindi, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talba ghal *encroachment* fuq in-naha tax-xatt, l-Awtorita` intimata kellha ragun tghid li hemm riskju kbir ghal kull min, klijenti u *staff,* ikun qieghed jaqsam it-triq, u kwindi l-ewwel, it-tieni u r-raba' raguni ghar-rifjut huma gustifikati. Li ma hux gustifikat hija t-tielet raguni, u *cioe`*, illi se jintilfu l-postijiet ta' parkegg/ L-applikazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod m'hu se ttellef xi post ta' parkegg, u kwindi din ir-raguni mhix gustifikata.

Illi ghal dak li jirrigward t-talba tar-rikorrenti sabiex ipoggi mwejjed u siggijiet fuq il-bankina tan-naha tal-hanut tieghu, it-Tribunal isib li l-ewwel raguni biss tad-decizjoni hija gustifikata u dan ghaliex jekk ikun hemm incident tat-traffiku, kif anke kien hemm ricentement gewwa Tas-Sliema, se jinholoq perikolu ghall-klijenti li jkunu qeghdin jigu servuti fuq il-bankina. Madankollu la t-tieni, la t-tielet u lanqas ir-raba' raguni tar-rifjut ma jaghmlu sens ghat-talba tal-*encroachment* fuq il-bankina hekk kif wiehed johrog mill-fond in kwistjoni.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ma gharfitx taqsam it-talba tar-rikorrenti fi tnejn biex tqis kull sit fuq il-mertu tieghu. Illi jirrizulta li l-Awtorita` intimata imxiet b'ghajnejha maghluqa fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li min-naha taghha wkoll qieset it-talba tar-rikorrenti bhala wahda. Izda huwa pjuttost car illi ghalkemm l-applikazzjoni hija wahda, ir-ragunijiet moghtija mhux kollha japplikaw ghaz-zewg siti bl-istess mod. Perezempju ghas-sit fuq il-bankina hdejn il-hanut zgur m'hu se jinholoq l-ebda perikolu biex wiehed jaqsam it-triq biex iservi l-klijenti. Huwa evidenti wkoll illi b'dak propost mir-rikorrent fuq iz-zewg siti m'hu se jintilfu l-ebda *parking spaces*.

Illi permezz **<u>tal-hames aggravju</u>** ir-rikorrent jishaq illi d-decizjoni appellata hija diskriminatorja u dan in vista ta' permessi simili gia` approvati. Illi dwar dan ir-rikorrenti gab prova permezz ta' diversi permessi li l-Awtorita` intimata ghandha *in vigore* f'diversi lokalitajiet Maltin u Ghawdin, fosthom fl-istess triq tal-istabbiliment tar-rikorrent. Illi minn dawn il-provi jirrizulta illi l-maggoranza ta' permessi ghal tpoggija ta' mwejjed u siggijiet bi triq bejn l-istabbiliment u s-sit fejn se tpoggew l-istess imwejjed u siggijiet, nghataw qabel ma' l-Awtorita` intimata bdiet tiffunzjona.

Illi t-Tribunal iqis li jekk certi *encroachments* li nghataw fil-passat, mill-predecessur tal-Awtorita` intimata, m'ghadhomx konformi ma' *policies* tal-prezent, allura tali *encroachments* ghandhom jigu riveduti. Dan l-Awtorita` tista' taghmlu ghaliex in-natura ta' permess ta' *encroachment* hija wahda minnha nnifisha temporanja u tali permess jista' jigi revokat fi kwalunkwe hin mill-istess Awtorita`. Illi ghalhekk, anke jekk forsi hemm permessi simili ghal dak mitlub mir-rikorrenti, il-fatt li l-Awtorita` tohrog rifjut ghal talba simili ma jfissirx illi r-rikorrenti gie diskriminat. Ifisser biss li l-Awtorita` intimata trid tirregola ruhha fir-rigward ta' ghadd ta' permessi li jiggeddu minn sena ghal sena.

Kwindi it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni appellata ghandha tigi annullata u deciza mill-gdid, b'dan illi z-zewg siti ghandhom jitqiesu abbazi tal-mertu taghhom u mhux mehudin flimkien stante li l-konfigurazzjoni taghhom hija differenti minn xulxin.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi sa fejn komptabbli ma' dak li ntqal hawn fuq, jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata, b'dana illi qieghed jirrevoka d-decizjoni appellata kif kontenut fl-ittra tat-12 ta' Gunju 2020 (Dok AF1 a fol. 39).

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

____________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**